

Brussell, 15 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8817/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0103 (COD)**

**ECOFIN 527
UEM 147
CADREFIN 44
CODEC 580
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (2021-2027)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 198 final.

Mehmuż: COM(2025) 198 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2025
COM(2025) 198 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (2021-2027)

{SWD(2025) 117 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR- REĠJUNI

Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (2021-2027)

INTRODUZZJONI

Ir-riformi strutturali jistgħu jinftehm u bħala miżuri b'effetti fit-tul fuq l-istruttura tal-ekonomija, il-qafas istituzzjonali u regolatorju li fih joperaw in-negozji u n-nies, il-governanza pubblika, jew il-progress lejn l-oġettivi ta' politika rilevanti. **L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) għe stabbilit bir-[Regolament \(UE\) 2021/240](#)**, li jibni fuq il-predeċessur tiegħu - il-programm ta' appoġġ għal riformi strutturali (SRSP, 2017-2020) - u huwa ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali (id-DĠ REFORM)¹. Sa mill-ħolqien tiegħu fl-2021, it-TSI pprova għarfien espert tekniku mfassal apposta lil kwalunkwe Stat Membru li qed jiffaċċja sfidi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma tiegħu f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. L-appoġġ huwa mmexxi mid-domanda u ma jeħtieġx kofinanzjament mill-Istati Membri.

Din l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tkopri l-proġetti kollha ffinanzjati taħt iċ-**ċiklu tat-TSI tal-2021, 2022 u 2023, fis-27 Stat Membru**. Dan jikkostitwixxi total ta' 611 proġett ta' appoġġ tekniku, li jikkorrispondu għal 886 komponent nazzjonali ta' proġetti, għal baġit totali ta' EUR 359 miljun. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tanalizza iċ-**ċiklu operazzjonali** tal-programmi ta' **ħidma** annwali tat-TSI, mill-wasla u l-valutazzjoni tat-talbiet ta' appoġġ tekniku tal-Istati Membri sal-evalwazzjoni ta' proġetti magħluqa ta' appoġġ tekniku wara l-implimentazzjoni.

Ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni se jgħin biex jidentifika modi potenzjali biex tittejjeb l-implimentazzjoni tat-TSI sa tmiem l-2027 u se jservi ta' bażi għad-diskussjonijiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-futur tal-appoġġ tekniku.

METODOLOĠIJA

Din l-evalwazzjoni hija bbażata fuq: (i) studju ta' appoġġ² imwettaq minn kuntrattur indipendenti matul perjodu ta' 11-il xahar li beda fil-21 ta' Diċembru 2023; (ii) serje ta' erba' workshops interni organizzati mid-DĠ REFORM; u (iii) data ta' monitoraġġ, inkluż informazzjoni miġbura wara l-għeluq ta' proġetti tat-TSI permezz tal-mekkaniżmu ta'

¹ Mill-1 ta' Frar 2025, id-DĠ REFORM għe amalgamat fit-Task Force għar-Riformi u għall-Investimenti ([l-SĠ REFORM](#)).

² PPMI u CSES (2025), Supporting study for the mid-term evaluation of the Technical Support Instrument (2021-2027): final report. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: https://op.europa.eu/publication/catalogue_number/HT-01-25-000-EN-N.

feedback³. F'konformità mal-linji gwida tal-UE għal regolamentazzjoni aħjar, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu hija strutturata madwar **ħames kriterji ta' evalwazzjoni**: ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE.

Il-metodi ta' evalwazzjoni użati jinkludu **rieżami dokumentarju** (ta' data ta' monitoraġġ ta' DG REFORM, dokumenti tal-proġetti tat-TSI, u dokumenti oħra disponibbli għall-pubbliku) u **konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**. L-attivitajiet ta' konsultazzjoni kienu jinkludu: (i) **konsultazzjoni pubblika miftuħa**; (ii) tliet **stħarriġiet** immirati lejn il-partijiet ikkonċernati tat-TSI (fornituri ta' appoġġ tekniku, u awtoritajiet ta' koordinazzjoni u benefiċjarji), li jirċievu 289 tweġiba; (iii) tliet diskussjonijiet ta' **focus groups**, li jiġbru total ta' 37 parteċipant; u (iv) 114-il **intervista**. L-evalwazzjoni tiddependi wkoll fuq diversi analiżijiet, inklużi: (i) **analiżi tal-kostijiet-benefiċċji**; (ii) seba' **case studies**, li jkopru 98 proġett f'diversi oqsma ta' politika; u (iii) analiżi tal-**kontribut tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** ta' proġetti tat-TSI.

Il-proċess tal-evalwazzjoni itaqa' ma' xi **limitazzjonijiet**, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-effettività. L-**ewwel** limitazzjoni ewlenija tirrigwarda n-natura u d-disinn tat-TSI: ir-Regolament tat-TSI ma jinkludix l-adozzjoni u l-implimentazzjoni attwali ta' riformi fl-Istati Membri fost l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-istrument, iżda pjuttost jiffoka fuq "l-assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali fit-titjib tal-kapaċità tagħhom". Barra minn hekk, ir-Regolament tat-TSI ma jimponix obbligi ta' rapportar speċifiċi fuq l-Istati Membri dwar l-użu tal-miżuri ta' appoġġ u l-istatus tar-riformi appoġġati. It-tieni limitazzjoni hija relatata mas-sistema kurrenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' proġetti tat-TSI, li ma tinkludix b'mod sistematiku u verifikabbli l-kisbiet tal-proġetti tat-TSI, speċjalment fil-livell tal-eżitu u tal-impatt. L-għodod għall-ġbir tad-data użati (bħal stħarriġiet u kwestjonarji) jiddependu fuq l-awtorapportar, li jista' jintroduċi preġudizzju fil-kejl. It-tielet, it-TSI beda fl-2021, u madwar nofs il-proġetti miċ-ċikli 2021-2023 kienu nġalqu saż-żmien ta' din l-evalwazzjoni. L-eżiti u l-impatti fit-tul tal-appoġġ jistgħu jiġu osservati biss fl-Istati Membri wara xi snin, u biss jekk ikunu effettivament ġew implimentati riformi speċifiċi, u għalhekk huwa possibbli li diversi riżultati tal-proġetti ikunu għadhom ma mmaterjalizzawx.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tinkludi **miżuri ta' mitigazzjoni** biex, sa fejn ikun possibbli, jiġu indirizzati dawn il-limitazzjonijiet u tiġi żgurata l-affidabbiltà tas-sejbiet. B'mod paritkolari, diversi sorsi ta' data ġew ikkombinati u kontroreferenzjati, pereżempju billi l-perċezzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati ġew ikkomplementati b'data aktar oġġettiva. Barra minn hekk, tliet case study dwar is-segwitu għall-proġetti tal-SRSP biex janalizza

³ FI-2019, id-DG REFORM nieda "mekkaniżmu ta' feedback" li jinvolvi żewġ stadji biex jimmonitorja u jivvaluta proġetti individwali tat-TSI wara l-implimentazzjoni tagħhom. L-ewwel nett, wara l-għeluq ta' kull proġett ta' appoġġ tekniku, jintbagħtu rispettivament "kwestjonarji ta' sodisfazzjon" lill-partijiet ikkonċernati ewlenin (uffiċjali tal-politika tal-Kummissjoni, awtoritajiet benefiċjarji, u fornituri ta' appoġġ tekniku) biex jinġabar feedback dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett, l-interazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati, kif ukoll dwar l-ambitu għal titjib u t-tagħlimiet meħuda. It-tieni, 6 xhur, 12-il xahar jew 18-il xahar wara, "kwestjonarju tal-eżitu" ieħor jintbagħat lill-awtoritajiet benefiċjarji biss, biex jivvaluta sa fejn inkisbu l-eżiti tal-proġett mistennija, b'punteġġ li jvarja bejn 1-10.

aħjar l-użu ta' miżuri ta' appoġġ tekniku mill-Istati Membri u s-sostenibbiltà tagħhom fuq terminu medju.

Huwa importanti li l-limitazzjonijiet imsemmija hawn fuq jiġu rikonossuti. L-ewwel nett, għax ir-rikonossiment tagħhom iħejji aħjar il-bażi għall-evalwazzjoni *ex post*, li se tippermetti valutazzjoni aktar preċiża tal-eżiti u l-impatti ladarba jintemm il-programm. It-tieni, ir-rikonossiment ta' dawn il-limitazzjonijiet jipprovdi għarfien siewi li jista' jiggwida l-ippjanar u t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-futur. Bħalissa l-SĠ REFORM qed jaħdem fuq diversi flussi ta' ħidma biex itejjeb il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-TSI, filwaqt li jimxi lejn sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni aktar orjentata lejn ir-risultati li tista' ttejjeb il-kejl tal-impatti fuq terminu medju u twil tat-TSI.

Il-kuntrattur wettaq il-kompiti kollha taħt l-iskrutinju ta' grupp ta' tmexxija bejn is-servizzi u l-gwida tad-DĠ REFORM. L-evidenza miġbura titqies bħala rappreżentattiva u sinifikanti, u dan jagħmilha possibbli li jiġu pprovduti tveġibiet sodi għall-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni u li jinsiltu konklużjonijiet u tagħlimiet affidabbli.

SEJBET EWLENIN

Mill-ħolqien tiegħu fl-2021, it-TSI pprova appoġġ tekniku lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jfasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi, kif ukoll biex iħejju, jemendaw, jimplimentaw u jirrevedu l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

Filwaqt li jitqiesu l-limitazzjonijiet imsemmija, **instab li l-implimentazzjoni tat-TSI kienet ġeneralment ta' suċċess f'termini ta' effettività, effiċjenza u koerenza bejn l-2021 u l-2023**. Instab ukoll li l-programm kien rilevanti ħafna fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-awtoritajiet benefiċjarji u tal-Istati Membri, li huwa prinċipalment dovut għat-tfassil tal-istrument. It-TSI kellu wkoll valur miżjud tal-UE meta mqabbel ma' dak li seta' jinkiseb mill-Istati Membri waħedhom.

Effettività

Minkejja l-limitazzjonijiet deskritti hawn fuq, is-sejbiet mill-evalwazzjoni juru li bejn l-2021 u l-2023, it-TSI għamel progress sinifikanti lejn l-**objettivi** tiegħu, kif stabbilit fir-Regolament tat-TSI. Rigward l-objettivi speċifiċi tiegħu, it-TSI għen b'mod effettiv lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jfasslu u jimplimentaw ir-riformi. Huwa appoġġa wkoll b'mod effettiv it-tnejja u l-implimentazzjoni tal-RRPs nazzjonali billi kkontribwixxa għal aktar minn 500 proġett direttament jew indirettament marbuta ma' stadji importanti speċifiċi tal-RRP.

Fir-rigward tal-**appoġġ għall-RRPs**, ċerti allinjamenti żbaljati bejn l-iskadenzi tal-istadji importanti tal-RRP u l-iskeda tat-twertiq tal-appoġġ tat-TSI seħħew matul l-implimentazzjoni bikrija tal-appoġġ fl-2021. F'xi każijiet, l-appoġġ tat-TSI kien ipprovdut kmieni wisq filwaqt li f'oħrajn wasal tard wisq biex jintuża, li kien minħabba t-tieqa dejqa ħafna f'termini ta' żmien. Dawn in-nuqqasijiet jenfasizzaw ir-rilevanza tal-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tekniku tal-Istati Membri mill-bidu nett tal-inizjattivi ta' finanzjament jew ta' politika, filwaqt li jiżguraw li l-iskedi ta' żmien u l-iskadenzi jkun allinjati kif xieraq.

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati tat-TSI esprimew sodisfazzjon kbir bis-suċċess u r-riżultati tal-proġetti ta' appoġġ tekniku. Il-proġetti tat-TSI taw **outputs** siewja, b'mod partikolari rakkomandazzjonijiet, sessjonijiet ta' ħidma, sessjonijiet ta' taħriġ u materjal ta' taħriġ, rapporti ta' analiżi, pjanijiet ta' azzjoni u pjanijiet direzzjonali, u linji gwida. L-outputs intużaw b'mod sostanzjali mill-awtoritajiet benefiċjarji biex jinkisbu bidliet fil-livelli individwali, organizzazzjonali u ta' politika. Dan ikkontribwixxa għall-progress fil-kisba tar-**riżultati tat-TSI**.

It-TSI kellu rwol sinifikanti fit-tisħiħ tat-tipi kollha ta' kapaciċitajiet amministrattivi, speċjalment il-mekkaniżmi amministrattivi interni għar-riformi madwar l-UE.

Madankollu, dawn il-kisbiet jiddependu ħafna fuq **fatturi nazzjonali**, bħas-sjieda tar-riformi, id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet, l-istabbiltà tal-persunal kif ukoll il-kontinwità politika u amministrattiva. Il-kisba reali tar-riżultati permezz tar-riformi tiddependi fuq sforzi usa' tal-Istati Membri, peress li l-pjanijiet ta' kooperazzjoni u appoġġ, li fihom jiġi espress l-impenn tagħhom li jinvolve ruħhom fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ, mhumx dokumenti legalment vinkolanti. Madankollu, hemm potenzjal tajjeb biex dawn il-benefiċċji jiġu mmultiplikati u tittejjeb is-sostenibbiltà tagħhom, billi jitrawmu konnessjonijiet (in)formali għal kollaborazzjonijiet eżistenti u futuri u jiġi sfruttat l-għarfien eżistenti, permezz ta' disseminazzjoni aktar sistematika tar-riżultati tal-proġetti, appoġġ kontinwu mill-uffiċjali tal-Kummissjoni u skambju ta' għarfien fost l-Istati Membri.

Effiċjenza

B'mod ġenerali, l-eżekuzzjoni tat-TSI u tal-proċessi amministrattivi assoċjati tiegħu kienu **fil-biċċa l-kbira effiċjenti**. Grazzi għad-disinn tal-istrument, ma hemm l-ebda obbligu ta' rapportar għall-Istati Membri, u l-**piż amministrattiv** huwa baxx ħafna meta mqabbel ma' strumenti oħra tal-UE, u dan huwa mfaħħar mill-Istati Membri kollha. L-awtoritajiet benefiċjarji qiesu l-piż amministrattiv assoċjat mal-proċessi tal-applikazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-proġetti bħala reġonevoli u proporzjonat.

Id-domanda għolja għall-appoġġ tat-TSI żgurat livell tajjeb ta' kompetizzjoni u l-għażla ta' proposti ta' kwalità għolja, fuq il-bażi tal-punteġġ intern attribwit għat-talbiet magħżula skont is-seba' kriterji vvalutati.

Biex itejjeb l-effiċjenza, id-DĠ REFORM implimenta t-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjonijiet tal-SRSP, pereżempju **billi ssimplifika u rrazzjonalizza l-ġestjoni tal-programm**. L-introduzzjoni ta' proġetti multinazzjonali, li jirrappreżentaw madwar 10 % tal-proġetti kollha tat-TSI mill-2021 sal-2023, għenet biex jiġu indirizzati kwistjonijiet komuni fost l-Istati Membri. Jidher li proġetti multinazzjonali u ewlenin huma aktar **kosteffettivi u effiċjenti fil-ħin** minn proġetti awtonomi u daww magħżula taħt talbiet ġenerali. Madankollu, l-effiċjenza ta' proġetti multinazzjonali tista' tkun affettwata miż-żieda fil-kumplessità ta' tali proġetti.

Fl-2021-2023, il-programm kien effiċjenti f'termini ta' **durata tal-proċess u eżekuzzjoni tal-baġit** mill-impenji sal-pagamenti, bil-kisba ta' rata ta' użu għolja tal-baġit. Il-**kost ġenerali tal-kontrolli** mid-DĠ REFORM naqas progressivament fl-2021-2023 u baqa' konformi mal-mira ta' DĠ REFORM u komparabbli ma' programmi oħra tal-UE.

Iż-żmien totali bejn l-iskadenza tal-applikazzjoni u l-bidu tal-appoġġ tekniku naqas f'it iżda b'mod kontinwu matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, li jammonta għal 11-il xahar. Il-minimizzazzjoni tad-distakk ta' żmien bejn l-applikazzjoni u l-bidu attwali tal-proġett tqieset kruċjali għas-suċċess ta' proġetti individwali u l-kontribut effettiv tagħhom għar-riformi li għaddejjin, speċjalment biex jirrispondu għal ħtiġijiet urġenti. Tista' tiġi kkunsidrata aktar riflessjoni dwar l-iskadenzi annwali għas-sottomissjoni ta' talbiet ġenerali u l-punt sa fejn l-iffissar ta' skadenzi differenti jista' jtejjeb l-effiċjenza fil-bidu tal-appoġġ tekniku.

Il-proġetti tat-TSI huma implimentati permezz ta' diversi **metodi ta' twassil**. L-awtoritajiet benefiċjarji u l-fornituri tal-appoġġ tekniku kienu ġeneralment pożittivi haġna dwar iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-faċilità tal-użu tal-proċeduri għall-applikazzjoni u l-għażla tat-talbiet għall-finanzjament, l-approvazzjoni tar-riżultati tanġibbli, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti. L-awtoritajiet ta' koordinazzjoni kienu inqas sodisfatti bil-**monitoraġġ tal-proġetti tat-TSI**, speċjalment bl-għodod u l-proċeduri u l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti fil-livell nazzjonali. L-awtoritajiet benefiċjarji qiesu l-appoġġ tal-uffiċjali ta' politika ta' DĠ REFORM bħala utli haġna, mill-bidu sat-tmiem tal-appoġġ tekniku.

Koerenza

F'terminu ta' **koerenza interna**, l-evalwazzjoni ma sabet l-ebda inkonsistenza kbira bejn il-proġetti tat-TSI fl-Istati Membri individwali. Madankollu, hemm evidenza limitata ta' mekkaniżmi kollaborattivi bejn proġetti differenti tat-TSI fl-istess Stat Membru. L-evalwazzjoni sabet ukoll differenzi sinifikanti fil-koordinazzjoni tal-involvement tal-awtoritajiet fl-implimentazzjoni tal-programmi madwar l-UE. Hemm lok għal esplorazzjoni ta' sinerġiji bejn proġetti ffinanzjati mit-TSI fl-istess Stat Membru fl-istess qasam ta' politika.

Matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, it-TSI wera **koerenza esterna akbar** meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu, l-SRSP, b'interventi fil-livell reġjonali u nazzjonali kif ukoll b'interventi oħra tal-UE b'objettivi simili. It-TSI jopera b'mod komplementari għal strumenti u programmi oħra tal-UE. L-evalwazzjoni sabet li l-għan tat-TSI u l-attivitajiet tiegħu huma komplementari għal dawk tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-RRF. It-TSI mhuwix differenti biss f'termini ta' metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit, iżda wkoll fin-natura trażversali u l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-intervent tiegħu (mhux limitat għal settur ta' politika speċifiku), id-durata tal-appoġġ ipprovdut u t-tip ta' kapaciċitajiet appoġġati. Il-koerenza tista' tittejjeb aktar jekk l-Istati Membri jikkombinaw b'mod strateġiku diversi strumenti tal-UE biex jappoġġaw iċ-ċiklu kollu tar-riforma mit-tfassil sal-implimentazzjoni. L-akbar sinerġiji jidhru li qed jiġu żviluppati mal-RRF u mat-TAIE⁴. Billi pprova kemm appoġġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat, it-TSI seta' jindirizza kwistjonijiet kruċjali għall-implimentazzjoni tal-RRPs, bħall-ġestjoni u l-governanza tal-proġetti. L-evidenza tal-evalwazzjoni enfasizzat is-sinifikat tal-appoġġ tat-TSI fit-tisħiħ tal-kapaciċitajiet operazzjonali meħtieġa biex l-inizjattivi tal-RRF jiġu eżegwiti b'mod effettiv. Madankollu, l-evalwazzjoni qajmet tħassib minn xi Stati Membri dwar il-ħtieġa li jkun hemm

⁴ **It-TAIE** (Technical Assistance and Information Exchange) huwa għodda tal-UE għall-bini tal-istituzzjonijiet, li jimmobilizza l-għarfien espert minn Stati Membri tal-UE fi spirtu ta' Tim Ewropa biex tappoġġa l-proċessi ta' riforma madwar id-dinja.

perspettiva aktar komprensiva minħabba d-disponibbiltà ta' diversi strumenti ta' finanzjament fi ħdan il-qafas ta' politika tal-UE.

It-TSI huwa konsistenti wkoll mal-proċess tas-Semestru Ewropew, permezz tar-rwol li għandu fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) maħruġa bħala parti mis-Semestru Ewropew. Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet ta' koordinazzjoni u benefiċjarji ddikjaraw li l-proġetti tat-TSI appoġġaw riformi li jindirizzaw is-CSRs b'mod sinifikanti jew moderat. Dan ġie kkonfermat mill-case studies, li wrew li t-TSI kellu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tas-CSRs. Madankollu, għad fadal sfidi rigward il-monitoraġġ sistematiku ta' kif il-proġetti tat-TSI jikkontribwixxi speċifikament għat-twettiq tas-CSRs, minħabba l-mandat limitat tat-TSI wara l-implimentazzjoni tal-proġett.

Fl-aħħar nett, il-proġetti tat-TSI huma allinjati mill-qrib mal-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni, bħat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. L-għadd dejjem jikber ta' proġetti tat-TSI li jikkontribwixxu għall-ogħla priyoritajiet jista' jkun marbut mal-introduzzjoni ta' talbiet ewlenin. It-TSI kiseb ukoll rikonoxximent bħala għodda siewja biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-valur miżjud tal-UE

It-TSI qabeż dak li l-Istati Membri individwali setgħu jwettqu b'mod indipendenti. B'mod partikolari, it-TSI joffri **għarfien espert internazzjonali, speċjalment Ewropew**, li tipikament ma huwiex disponibbli fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, u jindirizza ħtiġijiet speċifiċi li l-Istati Membri jsibuha diffiċli biex jissodisfaw waħedhom. Billi jgħaqqad l-għarfien espert internazzjonali ma' dak lokali, it-TSI wera li kien ta' benefiċċju, grazzi għal esperti lokali li jistgħu joffru għarfien speċifiku għall-kuntest u għal fornituri internazzjonali li jipprovdu approċċ aktar strateġiku, u għen biex jiżiedu l-kredibbiltà u l-aċċettazzjoni tar-riformi.

It-TSI pprovda valur miżjud tal-UE billi appoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-RRPs. It-TSI pproduċa **impatti sinifikanti bejn il-pajjiżi**, u wassal għal valur miżjud għoli tal-UE billi bena komunitajiet ta' esperti u kooperazzjoni sostnuta fost l-Istati Membri. Billi offra l-opportunità li jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni mal-pari u mal-professjonisti f'diversi Stati Membri, it-TSI ffaċilita l-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda u tal-prattiki tajbin fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-proġetti tat-TSI kellhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-prijoritajiet tal-UE u fl-appoġġ tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. F'dan ir-rigward, **proġetti ewlenin** (li jinkludu kemm proġetti awtonomi u proġetti multinazzjonali) iżidu l-valur billi jappoġġaw il-prijoritajiet tal-UE, jirregolaw il-konformità regolatorja, u jippromwovu l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati nnutaw li l-proġetti ewlenin jirriskjaw li jiddevjaw mill-għan speċifiku tat-TSI, li huwa li jipprovdi appoġġ imfassal apposta għall-ħtiġijiet ta' Stati Membri speċifiċi. Hemm kunsens qawwi fost il-partijiet ikkonċernati kkonsultati dwar il-kontribut sinifikanti tat-TSI għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. B'mod partikolari, it-TSI jikkontribwixxi aktar għat-tranżizzjoni ekoloġika mill-predeċessur tiegħu, l-SRSP.

Il-proġetti multinazzjonali jitqiesu bħala siewja minħabba l-kapaċità tagħhom li jindirizzaw sfidi transfruntiera usa', filwaqt li jagħtu spinta lill-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta'

prattiki tajba fost il-pajjiżi parteċipanti. Madankollu, tqajjem tħassib dwar il-kumplessità tagħhom u l-fatt li dawn il-proġetti jistgħu jwasslu għal inqas sjieda u impenn politiku mill-pajjiżi parteċipanti, li potenzjalment jimminaw is-suċċess tagħhom.

Rilevanza

Is-sejbiet mill-konsultazzjoni jissuġġerixxu li **t-TSI huwa strument rilevanti ħafna, imfassal tajjeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u għall-awtoritajiet benefiċjarji tagħhom**, u kien hemm titjib fl-oqsma identifikati fl-evalwazzjoni *ex post* tal-SRSP. L-evidenza turi li għad hemm **bżonn ta' appoġġ tekniku**, speċjalment fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-proċeduri u l-metodoloġiji.

Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni kkonsultati qablu li t-TSI kien xieraq biex jipprovdut appoġġ tekniku, u kkonfermaw li l-proġetti tat-TSI kienu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet ewlenin tal-istituzzjonijiet tagħhom, prinċipalment bis-saħħa tat-tfassil tal-istrument, u dan sar b'mod f'waqtu. Il-partijiet ikkonċernati kollha jqisu **t-tfassil u l-infrastruttura** tat-TSI bħala rilevanti ħafna għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tal-Istati Membri biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi ffaċċjati.

Madankollu, huwa importanti li dawn is-sejbiet pożittivi jiġu kkunsidrati fil-kuntest li l-appoġġ tat-TSI jiġi pprovdut mingħajr kważi ebda spiża għall-Istati Membri kollha li t-talbiet tagħhom jiġu aċċettati, irrispettivament mill-kapaċità tagħhom li jorganizzaw l-appoġġ tekniku tagħhom stess. Madankollu, l-intervisti enfasizzaw xi limitazzjonijiet fir-rispons għall-ħtiġijiet **urġenti** permezz ta' sejħiet ġenerali taċ-ċiklu annwali, meta jitqies it-tul ta' żmien meħtieġ biex il-proġetti jibdew wara li tfeġġ il-ħtieġa. Madankollu, id-disinn tat-TSI wera flessibbiltà kbira biex il-ħtiġijiet mhux previsti u emerġenti tal-Istati Membri jiġu indirizzati permezz ta' sejħiet speċifiċi u miżuri speċjali deskritti fir-Regolament tat-TSI. Meta mqabbel mal-evalwazzjoni *ex post* tal-SRSP, u bis-saħħa ta' dawn il-modalitajiet, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet benefiċjarji u l-awtoritajiet nazzjonali ta' koordinazzjoni qablu li bis-saħħa tat-tfassil tiegħu, it-TSI seta' jindirizza ħtiġijiet urġenti u/jew mhux previsti tal-pajjiż. L-introduzzjoni ta' talbiet ewlenin għall-appoġġ u ta' proġetti multinazzjonali u multireġjonali għamilha possibbli li l-programm jindirizza aħjar il-prioritajiet tal-UE u jtejjeb l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE.

TAGĦLIMIET EWLENIN

L-evalwazzjoni enfasizzat diversi titjibiet fit-TSI meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu, l-SRSP, li juri involviment aktar attiv tal-partijiet ikkonċernati u dimensjoni transnazzjonali akbar. It-tagħlimiet ewlenin meħudin mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-TSI, abbażi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu, huma stabbiliti hawn taħt:

Tfassil tat-TSI

- **In-natura mmexxija mid-domanda** tat-TSI tgħin biex tiżgura s-sjieda tal-Istat Membru ta' proġetti u l-impenn tal-partijiet ikkonċernati, li huma kruċjali għas-suċċess tar-riformi,

għalkemm il-kisbiet konkreti jiddependu ħafna fuq **fatturi nazzjonali**. L-allinjament tal-proġetti mal-qafas tas-Semestru Ewropew u l-prijoritajiet rilevanti tal-UE huwa żgurat matul il-proċess tal-għażla, permezz tal-kriterji tal-għażla.

- It-tfassil attwali tat-TSI jbati minn limitazzjonijiet fit-traċċar ta' eżiti speċifiċi fl-Istati Membri minħabba li l-bażi legali tiegħu ma tirreferix direttament għall-kisba tar-riformi, u lanqas ma timponi rekwiżiti speċifiċi fuq l-Istati Membri biex jirrapportaw dwar l-istatus tar-riformi appoġġati. Fil-futur, dawn l-osservazzjonijiet għandhom jitqiesu u għandhom jiġu esplorati modi biex tittejjeb l-enfasi fuq ir-riformi. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati obbligi speċifiċi ta' rapportar, filwaqt li jiġi żgurat li l-piż amministrattiv jibqa' proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa taħt l-istrument.
- L-appoġġ tekniku għandu jżomm biżżejjed flessibbiltà biex jaqdi l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u jadatta għall-prijoritajiet u s-sitwazzjonijiet politiċi li qed jinbidlu. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiltaqgħu ma' bidliet kemm interni kif ukoll esterni, inklużi bidliet fil-politika, sfidi ekonomiċi u soċjali, u pajsaġġi legali u regolatorji li qed jinbidlu, li jeħtieġu appoġġ tekniku u assistenza biex jaġġustaw għal objettivi u strateġiji ġodda.
- Id-disinn tat-TSI kien ġeneralment effettiv fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda ċ-ċiklu annwali jista' jillimita l-kapaċità tiegħu li jwieġeb għall-ħtiġijiet urġenti tal-Istati Membri. Filwaqt li t-TSI indirizza b'mod effettiv xi ħtiġijiet urġenti permezz ta' sejħiet speċifiċi, dawn is-sejħiet jeħtieġu ħin u investiment ta' riżorsi sinifikanti.

Implimentazzjoni tal-proġetti tat-TSI

- Is-sejbiet tal-evalwazzjoni jenfasizzaw l-importanza li jiġi identifikat l-aktar tip ta' proġett xieraq għall-appoġġ tekniku, filwaqt li jitqiesu l-punti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-ħtiġijiet u l-kuntesti tal-Istati Membri. Proġetti **multinazzjonali** u **ewlenin** (li jkopru proġetti awtonomi u multinazzjonali) urew li huma rilevanti ħafna fl-indirizzar tal-prijoritajiet tal-UE, filwaqt li rawwmu l-kollaborazzjoni u kkondividew prattiki tajbin bejn il-fruntieri. Il-proġetti **awtonomi** jidhru li huma aktar xierqa u mfassla aħjar biex jindirizzaw ħtiġijiet aktar speċifiċi, peress li jippermettu riformi aktar immirati, filwaqt li jiżguraw aktar involviment mill-awtoritajiet benefiċjarji.
- Intużat varjetà ta' **metodi ta' twassil** fi proġetti ta' appoġġ tekniku b'rati ta' sodisfazzjon kbir fost il-partijiet ikkonċernati. L-evidenza turi li l-fornituri privati jistgħu jkunu aktar xierqa biex iwettqu kompiti tekniċi, filwaqt li jidher li l-organizzazzjonijiet internazzjonali huma aktar adattati biex jikkontribwixxu għal kwistjonijiet strateġiċi usa', u jiżguraw rispons konsistenti madwar l-UE għall-istess tip ta' ħtieġa fil-każ ta' proġetti multinazzjonali. L-użu ta' taħlita mfassla apposta ta' metodi ta' twassil – bħall-kombinazzjoni ta' TAIEX ma' metodi oħra – wera li huwa approċċ effettiv, b'mod partikolari għal proġetti kumplessi jew multinazzjonali.
- Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-riżultati tanġibbli tat-TSI u segwitu konkret mill-Istati Membri.
L-appoġġ *ad hoc* tad-DĠ DIGIT li jipprovdni pariri esperti ġie vvalutat bħala ta' benefiċċju għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Dan l-appoġġ ġie aggravat wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/903 dwar l-Att dwar Ewropa Interoperabbli. B'mod notevoli, il-proġett "*Statistical Interoperability Node*" ingħata l-premju speċjali "[25 sena ta' ASEDIE](#)" minħabba l-valur pprovdut.

Ir-rwol ta' faċilitatur tal-Kummissjoni

- L-evalwazzjoni sabet li l-Kummissjoni kellha **rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni** tal-proġetti tat-TSI. B'mod partikolari, l-involvement mill-qrib tal-uffiċjali tal-politika tad-DĠ REFORM kien kruċjali fl-appoġġ għat-tfassil tal-proġetti (biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni) u fl-indirizzar ta' diversi sfidi ffaċċjati matul l-implimentazzjoni. Is-superviżjoni operattiva kontinwa tagħhom kienet importanti wkoll.
- Il-partijiet ikkonċernati indikaw li aktar appoġġ mill-uffiċjali tal-politika tal-Kummissjoni jista' jkun utli wara t-tlestija tal-proġetti tat-TSI biex jiġi żgurat li jinkisbu riżultati fit-tul b'mod sostenibbli.
- F'xi każijiet, l-involvement aktar mill-qrib tal-uffiċjali tal-politika minn **Direttorati Ġenerali speċifiċi tal-Kummissjoni** ġie enfasizzat bħala ta' benefiċċju għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-proġetti tat-TSI, speċjalment għall-proġetti tat-TSI relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE (fil-każ ta' rekwiżiti leġiżlattivi kumplessi tal-UE, bħall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

Riżultati u sostenibbiltà tal-appoġġ tekniku

- L-awtoritajiet benefiċjarji użaw l-outputs tal-proġetti tat-TSI, bħal rakkomandazzjonijiet, sejbiet minn sessjonijiet ta' ħidma, u rapporti ta' analiżi, biex jiksibu **bidliet fil-livell individwali, organizzazzjonali u ta' politika**.
- Is-suċċess tal-appoġġ tekniku u l-kisba ta' riżultati sostenibbli fit-tul jiddependu **fuq is-segwitu konsistenti u sistematiku mill-Istati Membri tal-proġetti ta' appoġġ tekniku**. Is-sjieda li għadha għaddejja mill-awtoritajiet nazzjonali wriet li hija fattur kruċjali biex jiġi żgurat li dawn jieħdu azzjoni ta' segwitu u li jintużaw l-outputs imwassla minn proġetti ta' appoġġ tekniku. L-evalwazzjoni sabet li dan is-segwitu jiddependi wkoll fuq fatturi nazzjonali, bħas-sjieda tar-riformi, id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, l-istabbiltà tal-persunal, u l-kontinwità politika u amministrattiva.
- Madankollu, minbarra li jimlew il-kwestjonarji dwar is-sodisfazzjon u l-eżitu, l-awtoritajiet nazzjonali għadhom ma impenjawx ruħhom formalment li jsegwu proġetti ta' appoġġ tekniku (pereż. billi jadottaw riformi rilevanti). Tista' tiġi kkunsidrata aktar riflessjoni dwar kif l-Istati Membri jiġu iċċentivati biex isegwu b'mod aktar konsistenti u sistematiku l-proġetti ta' appoġġ tekniku u jirrapportaw dwar dan is-segwitu. Hemm ukoll il-ħtieġa li jissaħħu **l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-appoġġ tekniku** biex biex il-kisbiet jiġu segwiti aħjar, b'mod oġġettiv u skont it-tip ta' miżuri (pereż. taħriġ u bini tal-kapaċitajiet, appoġġ għal riformi speċifiċi, rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali, eċċ.), kif ukoll li jintużaw it-tagħlimiet meħuda biex jittejbu proġetti ġodda.

Id-dimensjoni pluriennali

- Bħalissa, it-TSI ma għandhiex approċċ ta' programmazzjoni fuq terminu medju sa twil, li jgħaqqad l-appoġġ tekniku ma' programmi oħra biex itejjeb l-effettività tagħhom u joħloq viżjoni strateġika koerenti ta' appoġġ tekniku fi Stat Membru partikolari. Madankollu, dan jeħtieġ li jiġi rrikonċiljat man-natura annwali tal-istrument, li huwa minqas fir-Regolament tat-TSI. Ħarsa ġenerali strateġika fuq terminu qasir lejn l-implimentazzjoni tat-TSI hija pprovduta fil-pjanijiet ta' kooperazzjoni u appoġġ, iżda dawn id-dokumenti mhumiex legalment vinkolanti. Fl-2021-2023, l-allinjament tal-appoġġ tekniku mar-riformi li għaddejjin fil-livell nazzjonali ġie żgurat ukoll permezz tal-RRPs nazzjonali.

- Jista' jkun hemm bżonn ukoll ta' xi kunsiderazzjoni dwar id-definizzjoni ta' proġetti **ewlenin**. Pereżempju, jista' jkun ta' vantaġġ li huma jiġu żviluppati b'perspettiva fuq terminu medju, li tkopri diversi snin jew sejħiet għal appoġġ tekniku. Perspettiva fuq medda medja ta' żmien għall-proġetti ewlenin tista' tiffoka aktar fuq l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-Istati Membri u l-UE kollha kemm hi u, fl-istess ħin, ittejjeb l-effiċjenza billi tnaqqas il-piż amministrattiv marbut mal-konsultazzjonijiet annwali mas-servizzi differenti tal-Kummissjoni u mal-Istati Membri u bl-aġġustament tal-għodod korporattivi fuq bażi annwali.

Dimensjoni tematika u politika

- Mill-2023, l-inizjattivi bħall-Ispazju Amministrattiv Ewropew (ComPact) — inkluż il-Programm ta' Skambju ta' Kooperazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika (PACE) — ipproponew azzjonijiet speċifiċi implimentati permezz tat-TSI, biex jgħinu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nies u tan-negozji madwar l-UE. Dawn l-inizjattivi enfasizzaw il-valur miżjud tat-TSI fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u fl-iżgurar li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal provvista ta' servizz pubbliku ta' kwalità għolja. Jekk jiġu implimentati b'suċċess, dawn l-inizjattivi u l-proġetti jistgħu jservu bħala **eżempju ta' ispirazzjoni f'termini ta' integrazzjoni tal-politika, koerenza u effettività fl-għoti ta' appoġġ tekniku fl-oqsma ta' politika kollha**.
- L-inizjattiva ComPact tipprovdi pjattaforma tajba u "ċentru tal-għarfien" għall-għoti ta' appoġġ tekniku fil-qasam tal-governanza u l-amministrazzjoni pubblika, u tikkomplementa strumenti oħra tal-UE.
- Matul is-snin, il-proġetti ta' appoġġ tekniku ġġeneraw ammont kbir ta' għarfien tematiku dwar il-politika. Fil-perjodu ta' evalwazzjoni, id-DĠ REFORM kellu rwol aktar attiv fit-tixrid tal-outputs u tar-riżultati tanġibbli tal-appoġġ tekniku, li jistgħu jissaħħu biex jintużaw aħjar fl-**oqsma tematiċi** kollha. Il-pjattaforma tal-[Akkademja Superviżorja tal-Finanzi Diġitali tal-UE](#) tikkostitwixxi eżempju ta' prattika tajba ta' disseminazzjoni effettiva biex jitrawwem l-użu ta' materjali u riżultati tanġibbli minn proġetti oħra u magħluqa, speċjalment fl-istess qasam tematiku.
- Permezz tat-TSI, l-Istati Membri bbenefikaw minn għarfien espert tekniku mfassal apposta biex ifasslu u jimplimentaw riformi diġitali. Huwa appoġġa proġetti li jtejjbu l-governanza diġitali, jimmodernizzaw l-amministrazzjoni pubblika, u jtejjbu t-twassil tas-servizz pubbliku permezz tal-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u jrawmu l-interoperabbiltà transfruntiera.

Dimensjoni tal-pajjiż

- L-evalwazzjoni sabet li hemm bżonn ta' **koordinazzjoni u sinerġiji mtejbja bejn il-proġetti ffinanzjati mit-TSI fl-istess Stat Membru**. Tista' tkun meħtieġa wkoll xi kunsiderazzjoni dwar kif il-ħarsa ġenerali u s-segwitu tal-appoġġ ipprovdut jistgħu jkomplu jittejjbu, u b'hekk tiġi żviluppata viżjoni aktar olistika tal-appoġġ għall-pajjiż. Dan jista' jgħin ukoll biex jissaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn programmi differenti tal-UE u biex l-iskedi ta' żmien u l-iskadenzi speċifiċi għall-pajjiż jiġu allinjati aħjar.

- Matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, **ir-rwol tal-koordinaturi tal-pajjiżi tad-DĠ REFORM u tal-awtoritajiet ta' koordinazzjoni** wera li kien kruċjali biex jiżgura r-rilevanza tal-pajjiż tal-miżuri ta' appoġġ tekniku mwassla, jidentifika kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta matul il-fażi ta' implimentazzjoni, u jipproponi miżuri ta' mitigazzjoni adegwati.
- L-evidenza turi potenzjal mhux sfruttat għall-awtoritajiet ta' koordinazzjoni biex jimmonitorjaw il-ħtieġa u l-użu ta' riżultati ta' appoġġ tekniku fil-livell nazzjonali biex jinkisbu riżultati fuq terminu medju u twil (pereż. l-adozzjoni tar-riformi rilevanti), kif ukoll biex jadottaw approċċ strateġiku lejn il-kombinazzjoni tal-appoġġ tekniku ma' programmi u strumenti oħra tal-UE.
- L-evalwazzjoni sabet li l-involvement tal-awtoritajiet ta' koordinazzjoni jista' jiddependi fuq il-pożizzjoni tagħhom fi ħdan il-qafas istituzzjonali, id-daqs tal-amministrazzjoni pubblika tal-Istat Membru, u r-riżorsi ddedikati għal dan il-kompitu. It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u l-introduzzjoni ta' obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri jistgħu jżidu l-effettività tal-programm.
- Rwol aktar formalizzat u unifikat għall-awtoritajiet ta' koordinazzjoni għandu l-potenzjal li jsaħħaħ is-sjieda tar-riformi (permezz ta' titjib fil-prijoritizzazzjoni tat-talbiet) u jtejjeb il-monitoraġġ tal-proġetti madwar l-Istati Membri, filwaqt li jżomm xi flessibbiltà fit-tfassil tar-rwol tagħhom għall-kuntest speċifiku ta' kull Stat Membru.

Dimensjoni bejn il-pajjiżi

- It-TSI wera **impatti sinifikanti bejn il-pajjiżi**, bi proġetti multinazzjonali li jindirizzaw sfidi usa' bejn il-pajjiżi u jsaħħu l-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-prattiki tajba fost il-pajjiżi parteċipanti.
- Il-programm bena komunitajiet ta' esperti u kooperazzjoni sostnuta fost l-Istati Membri, u ta valur miżjud tal-UE għoli.
- It-TSI kien strumentali wkoll fit-tisħiħ tal-kredibbiltà u l-aċċettazzjoni tar-riformi, saħħaħ il-leġittimità u l-viżibbiltà tagħhom fil-livelli nazzjonali u tal-UE.
- L-introduzzjoni ta' talbiet **multinazzjonali u multireġjonali** ġabet ukoll kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza, billi ppermettiet l-għażla ta' talbiet multipli taħt kuntratt jew ftehim uniku. Madankollu, dawn il-proġetti jippreżentaw xi riskju li l-ħtiġijiet speċifiċi għall-pajjiż jiddgħajfu, u li l-involvement tal-Istati Membri li jimxu 'l quddiem b'passi differenti jiġi limitat.
- L-introduzzjoni ta' **talbiet ewlenin** tqieset bħala suċċess peress li ppermettew allinjament aħjar bejn ir-riformi nazzjonali u l-prijoritajiet tal-UE, filwaqt li xprunaw il-konformità regolatorja, u ppromovew l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Dawn il-proġetti jistgħu jindirizzaw sfidi strutturali li ilhom jeżistu madwar l-Istati Membri u l-UE b'mod ġenerali.

Sinerġiji ma' programmi oħra tal-UE.

- It-TSI kien effettiv fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi, b'għadd sinifikanti ta' riformi marbuta ma' stadji importanti speċifiċi tal-RRP. L-inkorporazzjoni tal-appoġġ tekniku mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-fondi u ta' strumenti oħra ta' politika, kif ġara f'każijiet speċifiċi għall-RRF, tista' tkun vantaġġuża, u tista' tgħin biex jiġi żgurat li r-

rekwiżiti tal-kapaċità amministrattiva jiġu ssodisfati, u li l-iskedi ta' żmien jiġu sinkronizzati.

- It-TSI kien konsistenti ma' **proċessi oħra tal-UE**, bħas-Semestru Ewropew, u kkontribwixxa għall-kisba tal-prijoritajiet tal-UE, inkluż it-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika.
- It-TSI jista' jtejjeb l-effettività ta' programmi oħra billi jibni l-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom. Madankollu, l-evalwazzjoni wriet li xi Stati Membri jippreferu jkollhom perspettiva aktar komprensiva minħabba d-disponibbiltà ta' diversi strumenti ta' finanzjament fil-qafas ta' politika tal-UE.